**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 16, TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 672/01 AE**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society ta' Londra**

**vs**

**Peter Agius.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' sbatax-il lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm17.16) dovut bhala hlas ta' royalty fir-rigward ta' l-istabbilment Welcome Bar ghall-perjodu mis-6 ta' Frar 2001 sal-5 ta' Frar 2002.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat baqa' ma deherx fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2001 u lanqas f'dik tal-lum, kif ukoll ma pprezentax risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sbatax-il lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm17.16) hlas ta' royalty fir-rigward ta' l-istabbilment Welcome Bar ghall-perjodu mis-6 ta' Frar 2001 sal-5 ta' Frar 2002.   Bl-imghax skond mid-data ta' l-iskadenza relattiva.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**